# Laqgħa Pubblika 2014

KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

*Paċi u Saħħa lil Kulħadd*




**Werrej:** **Paġna**


| | |
|---|---|
| *Lista ta' Kunsillieri u Amministrazzjoni* | *1* |
| *Aġenda* | *2* |
| *Rapport ta' Ħidma 2013* | *3* |
| *Dħul u Ħruġ 2013 u Estimi Finanzjarji 2014* | *6* |

**Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**Paci u Sahha lil Kulhadd**

***Sindku***
Is-Sur Joseph Farrugia

***V/Sindku***
Is-Sur Kevin Barun

***Kunsillieri***
Is-Sur Joseph Baldacchino
Is-Sur Carmelo Cachia
Inġ. Stanley Zammit
Is-Sinjura Bernardette Pace
Is-Sur Carol Muscat

***Agent Segretarju Eżekuttiv***
Is-Sinjura Maria Galea

***Skrivani***
Is-Sinjura Stephanie Aloisio
Is-Sinjura Simone Fenech
Is-Sinjura Eleanor Manicaro

***Skrivana Part-Time***
Is-Sinjorina Kimberly-Jo Fenech

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Saħħa lil Kulħadd

**Avviż tal-Laqgħa Pubblika** :

Is-Sindku u l-Kunsillieri jistiednu lill-pubbliku ta' Birżebbuġa li jidhru fir-Reġistru tal-Kunsilli Lokali sabiex jattendu Laqgħa Pubblika skont kif stipulat fl-Att XV ta' 1993 għal Kunsilli Lokali. Il-Laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2014 fis-Sala tal-Komunita' fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Aġenda:**

1. Indirizz mis-Sindku
2. Qari ta' Rapport ta' Ħidma 2013
3. Prezentazzjoni tar-Rapport Operattiv u Estimi Finanzjarji
4. Diskussjoni / Suġġerimenti / Ilmenti

**Kunsill Lokali Birzebbuga**
**Paci u Sahha lil Kulhadd**

# Rapport ta' hidma tal-Kunsill Lokali Birzebbuga Sena 2013

Inharsu lejn l-2013 bhala sena li l-Kunsill Lokali ghadda minn zmien ta' bidla. Ghaddejna minn zmien ta' elezzjoni generali, li waslet ghall-bidla fil-Gvern, kif ukoll bidla fis-Segretarju Ezekuttiv, li ghalkemm baqghet tahdem bhala Agent Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill, il-piz amministrattiv kien kbir. Kulhadd ghamel l-almu tieghu biex kemm jista' jkun kollox jibqa' ghaddej bl-ahjar mod possibbli u ta' dan ta' min jirringrazzja lill-iskrivani tal-Kunsill li wrew il-kapacità u d-dedikazzjoni taghhom f'dan il-perijodu difficli.

F'din is-sena hdimna fuq l-ikbar progett kapitali li jirrigwarda t-toroq li ghamel il-Kunsill Lokali f'sena wahda, komplejna ghaddejjin bix-xoghol ta' asfaltar fil-Bajja s-Sabiha u Misrah is-Summit, progett li jlahhaq Euro1,000,000. Il-Kunsill, b'mod kuraggjuz ha d-decizjoni li jkompli ghaddej b'dan il-progett anki meta kien konxju li dan il-progett se jitfa' fuq il-Kunsill Lokali piz finanzjarju kbir. Apparti dan il-progett bqajna ghaddejjin b'mod kontinwu b'*patching*, irrangar ta' kaptelli u bankini kull fejn kien hemm bzonn.

Komplejna diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex niffinalizzaw it-*traffic management plan* ghal Triq Ghar Dalam. Ghadna ghaddejjin bid-diskussjonijiet sabiex nizguraw li l-progett li jigi mplimentat ikun l-ahjar wiehed possibbli, wasalna fil-fazi finali. Ma' l-istess Ministeru iddiskutejna l-pjanti ghat-tkomplija tal-prominad tal-Qajjenza, il-pjanti huma ffinalizzati u qed nistennew li johrog il-permess tal-MEPA.

Fis-sena 2012 hargu zewg permessi li l-Kunsill Lokali kien ilu jithabat ghalihom zmien twil, dak tat-tkomplija tal-prominad minn fejn il-Klabb tal-Bocci sas-Sailing Club u l-irrangar tal-parkegg ta' Wied il-Buni u dak tal-bdil ta' *fencing* ghal grawnd tal-Bajja s-Sabiha. Gie implimentat progett wiehed biss, dak ta' bdil tal-*fencing*. Il-progett ta' Wied il-Buni ma stajniex inkomplu bih minhabba li l-fondi allokati ghalih taht il-UIF gew irritornati lura lil Port Hieles. Tajjeb nghidu li l-Kunsill Lokali qieghed f'diskussjonijiet mal-Gvern Centrali sabiex naraw kif dawn il-fondi jergghu jigu ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill Lokali biex b'hekk jintuzaw ghall-progett ta' tisbih f'Wied il-Buni li jitgawda minn kulhadd. Progett iehor li ilna ghaddejjin bih minhabba li kellna diversi appelli fl-

istadju ta' *tendering* issa qed jigi implimentat biex il-*playing-fields* tal-Bajja s-Sabiha u dak ta' San Gorg isirilhom *full embellishment*.

Applikajna u hadna fondi addizzjonali taht diversi mizuri; hadna fondi sabiex jigu asfaltati sqaqien fl-inhawi ta' Sansajna, fondi ohra sabiex insebbhu Misrah Profs Pietru Pawl Saydon f'Benghisa, fondi sabiex intellghu zewg attivitajiet kongunti: Festa ta' Ghana u Tradizzjonijiet (flimkien mal-Kumitat ghall-Qajjenza Ahjar) u Ingeddu Tfulitna; u fondi sabiex organizzajna *Birzebbuga on the Move*; sensiela ta' attivitajiet sportivi ghar-residenti.

Fl-2013 kien hemm inizjattivi godda li ghall-ewwel darba dhalna ghalihom. Ghaqqadna l-Kunsill Lokali taz-Zghazagh li hadmu sabiex jikkompetu ma' lokalitajiet ohra bi progett *Healthy Living and Inter-Cultural Awareness*. Tajjeb nghidu li z-zghazagh taghna irnexxielhom jirbhu u implimentaw il-progett taghhom ma' zghazagh ohra. Iz-zghazagh qed ikollhom sehem attiv fil-Kunsill taghna u taht il-kappa tal-VOT16 issa ghandna ambaxxatrici zaghzugha li twassal lehen zaghzugh waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali. Bi shab mal-Parrocca tellghajna kuncert b'xejn ghal kulhadd mill-Orkestra Nazzjonali. Bi shab mal-facilità korrettiva ta' kordin qed ikollna haddiema jaghmlu xoghol fil-komunità taht supervizzjoni. Qed niehdu sehem attiv fil-kumitat tal-*Regional Tourism Zone*. Dan il-kumitat hu immirat sabiex jara x'hemm bzonn jitjieb fil-komunità biex nattiraw aktar turisti. Apparti li jara x'hemm bzonn isir se jkun qed jikkoordina mal-entitajiet tal-Gvern sabiex isir ix-xoghol necessarju b'koordinament mal-Kunsill Lokali.

Irridu nsemmu wkoll ix-xoghol li kontinwament ikun ghaddej, dak ix-xoghol li l-Kunsill hu marbut bil-ligi biex iwettaq. Xoghol ta' zamma ta' gonna, gbir ta' skart, tindif ta' postijiet pubblici, manutenzjoni tad-dawl, zebgha u sinjali tat-traffiku, zbih ta' bankijiet, *railings* u cnut, qtugh ta' haxix u manutenzjoni fil-lokal skont il-bzonn. Xoghol li forsi ma jidhirx pero' bzonnjuz daqs l-ikbar progetti.

L-2013 kienet sena ohra ta' monitoragg kontinwu tal-industrija li ahna mdawwrin biha. Bqajna nattendu regolarment, flimkien mal-Birzebbuga Environment Action Group, ghall-*monitoring committee* tal-Port Hieles fejn dejjem konna hemm sabiex niggieldu ghad-drittijiet tar-residenti. Ukoll segwejna mill-qrib il-permess ta' tibdil ta' operat tal-Power Station dejjem sabiex nizguraw ruhna li nkunu lehen ir-resident f'dawn l-*issues* tant importanti. Tajjeb nghidu li l-Kunsill kien strument importanti f'diskussjonijiet mal-Ministru tal-Energija fuq ir-rilokazzjoni tat-31st March Depot. Regolarment ukoll ikollna laqghat mas-Supretendent tal-Korp tal-Pulizija fejn naghmlu suggerimenti halli jkollna lokal iktar ordnat u sigur.

Fis-sena li ghaddiet il-Kunsill bi shab mal-Malta Tourism Authority bdejna l-process ghat-thejjija tal-*Blue Flagged Beach*, biex il-Bajja s-Sabiha terga' tiehu d-dinjità li tixirqilha. Fost is-servizzi li bdejna kienu li jkun hemm *beach attendants* u *beach supervisors*, servizz ta' *beach buggy* kif ukoll *portable beach library*, ukoll qed isir monitoragg kontinwu tal-ilma bahar. Inizjattivi zghar imma li bdew jippreparawna sabiex ikollna bajja ta' kwalità. Min-naha tieghu l-Kunsill beda jahseb sabiex jaghti *face-lift* tal-bajja. Hejjejna *masterplan* li tinkludi fost ohrajn, *beach slides*, *skatepark* modern u

*outdoor gym*. Din il-*masterplan* waslet fi stadju ta' applikazzjoni l-MEPA u meta jinhareg il-permess nibdew nimplimentaw dawn il-progetti gradwalment.

Bhal kull sena l-Kunsill organizza diversi hargiet fosthom, hargiet kulturali kull xahar, 'Jum l-Omm' u 'Jum L-Anzjan' li huma attivitajiet imfittxija hafna minnkom ir-residenti. Kellna wkoll diversi korsijiet tal-kompjuter ghal kull età u klabb sajfi ghat-tfal. Komplejna nahdmu mill-qrib mal-ghaqdiet lokali fejn din is-sena kienu strumentali sabiex tittella' 'Ingeddu Tfulitna'. Organizzajna wkoll 'Jum Birzebbuga' fejn din is-sena sar differenti mis-snin precedenti u sar f'Ottubru gewwa s-Sala tal-Iskola. Il-Kunsill hu favur lokalità fizikament b'sahhita u din is-sena ghamilna hilitna kollha sabiex inheggu r-residenti taghna jkunu fizikament attivi. Organizzajna *Birzebbuga on the Move* fejn offrejna sensiela ta' sport differenti b'xejn lir-residenti, kemm zghar kif ukoll kbar. Hadna sehem flimkien mal-Kunsill Malti ghall-iSport f'*Move Week* fejn saret Zumba *Flashmob* fil-Bajja s-Sabiha u Triq il-Qajjenza. Komplejna nghinu lil kull ghaqda li titlob permess lill-Kunsill Lokali ghall-attivitajiet sportivi fil-lokal, u kien veru misthoqq ir-rikonoxximent li l-Kunsill inghata mill-Kunsill Olimpiku Malti fejn gejna ikklassifikati fit-tielet post bhala lokalità li tippromwovi l-isport u taghmel attivitajiet sportivi.

Kienet sena impenjattiva bhas-soltu, il-Kunsill Lokali ma jaghmilx dawn l-affarijiet kollha li kieku m'ghandux Sindku u Kunsillieri li jahdmu bis-shih ghall-gid tal-lokalità kif ukoll haddiema dedikati li jsegwu mill-qrib ix-xoghol ghaddej. Tim maghqud li jahdem mill-qalb sabiex naraw lokalità dejjem ahjar.

Infakkarkom li l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali dejjem miftuh ghalikom ir-residenti sabiex jilqa' l-ilmenti u s-suggerimenti ta' kulhadd, zgur li tinqdew bl-ahjar mod possibbli. Ukoll ninfurmakom li kull nhar ta' Tlieta fuq South End Radio (91.0) fis-6.00pm ikun hemm il-programm '*Il-Kunsill Jisimghek*' fejn ikollkom l-opportunità titkellmu mal-Kunsillieri prezenti. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li b'xi mod taw l-ghajnuna volontarja taghhom lill-Kunsill Lokali.

Naghlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lilkom li ghogobkom tattendu ghal din il-laqgha pubblika.

Grazzi.

**Kunsill Lokali Birzebbuga**
**Paci u Sahha lil Kulhadd**

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2013 (Euro) | ACTUAL 2013 (Euro) | BUDGET 2014 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 1,549,416.00 | 704,021.00 | 833,758.00 | (715,658.00) | 129,737.00 |
| 0020 | Bye-laws | 186,050.00 | 24,678.00 | 74,150.00 | (111,900.00) | 49,472.00 |
| 0090 | Investment | | | | | |
| | TOTAL | **1,735,466.00** | **728,699.00** | **907,908.00** | **(827,558.00)** | **179,209.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 103,550.00 | 102,960.00 | 98,347.00 | (5,203.00) | (4,613.00) |
| 2000 | Operations and maintenance | 409,100.00 | 464,839.00 | 486,568.00 | 77,468.00 | 21,729.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 1,217,816.00 | 363,965.00 | 465,000.00 | (752,816.00) | 101,035.00 |
| | TOTAL | **1,730,466.00** | **931,764.00** | **1,049,915.00** | **(680,551.00)** | **118,151.00** |
| | **Balance** | **5,000.00** | **(203,065.00)** | **(142,007.00)** | **(147,007.00)** | **61,058.00** |

# Kunsill Lokali Birzebbuga
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2013 (Euro) | b<br>ACTUAL 2013 (Euro) | c<br>BUDGET 2014 (Euro) | c-a<br>VAR BUD-BUD (Euro) | c-b<br>VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 655,700.00 | 630,236.00 | 629,515.00 | (26,185.00) | (721.00) |
| 0002 | Supplementary | 177,400.00 | 73,785.00 | 83,000.00 | (94,400.00) | 9,215.00 |
| 0003 | Special needs | | | | | |
| 0004 | Public/government entities | | | | | 0.00 |
| 0015 | Other | 716,316.00 | | 121,243.00 | (595,073.00) | 121,243.00 |
| | | **1,549,416.00** | **704,021.00** | **833,758.00** | **(715,658.00)** | **129,737.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 7,000.00 | 4,854.00 | 4,750.00 | (2,250.00) | (104.00) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 70,000.00 | (174.00) | 50,000.00 | (20,000.00) | 50,174.00 |
| 0056 | Contributions and donations | 4,050.00 | 1,400.00 | 1,400.00 | (2,650.00) | 0.00 |
| 0110 | Donations Receivable | | | | | |
| 0066 | General | 105,000.00 | 18,598.00 | 18,000.00 | (87,000.00) | (598.00) |
| | | **186,050.00** | **24,678.00** | **74,150.00** | **(111,900.00)** | **49,472.00** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | | | | | |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | **TOTAL** | **1,735,466.00** | **728,699.00** | **907,908.00** | **(827,558.00)** | **179,209.00** |

# Kunsill Lokali Birzebbuga
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2013 (Euro) a | ACTUAL 2013 (Euro) b | BUDGET 2014 (Euro) c | VAR BUD-BUD (Euro) c-a | VAR BUD-ACT (Euro) c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 8,500.00 | 11,655.00 | 10,302.00 | 1,802.00 | (1,353.00) |
| 1200 | Employee salaries and wages | 54,500.00 | 77,497.00 | 74,095.00 | 19,595.00 | (3,402.00) |
| 1300 | Bonuses | 8,000.00 | | | (8,000.00) | 0.00 |
| 1400 | Income supplements | | | | | |
| 1500 | Social Security contributions | 26,000.00 | 6,608.00 | 6,750.00 | (19,250.00) | 142.00 |
| 1600 | Allowances | 5,750.00 | 7,200.00 | 7,200.00 | 1,450.00 | 0.00 |
| 1700 | Overtime | 800.00 | | | (800.00) | 0.00 |
| | | **103,550.00** | **102,960.00** | **98,347.00** | **(5,203.00)** | **(4,613.00)** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 13,500.00 | 13,750.00 | 14,500.00 | 1,000.00 | 750.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 20,000.00 | 22,904.00 | 25,000.00 | 5,000.00 | 2,096.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 33,000.00 | 42,871.00 | 45,000.00 | 12,000.00 | 2,129.00 |
| 2400 | Rent | 3,500.00 | 4,098.00 | 4,098.00 | 598.00 | 0.00 |
| 2500 | International memberships | 350.00 | 280.00 | 300.00 | (50.00) | 20.00 |
| 2600 | Office services | 12,000.00 | 22,084.00 | 23,250.00 | 11,250.00 | 1,166.00 |
| 2700 | Transport | 21,000.00 | 25,021.00 | 26,500.00 | 5,500.00 | 1,479.00 |
| 2800 | Travel | | | | | |
| 2900 | Information services | 1,500.00 | 3,492.00 | 3,500.00 | 2,000.00 | 8.00 |
| 3000 | Contractual services | 280,000.00 | 298,227.00 | 315,000.00 | 35,000.00 | 16,773.00 |
| 3100 | Professional services | 14,000.00 | 8,730.00 | 9,000.00 | (5,000.00) | 270.00 |
| 3200 | Training | | | | | |
| 3300 | Community and hospitality | 10,000.00 | 22,982.00 | 20,000.00 | 10,000.00 | (2,982.00) |
| 3400 | Incidental expenses | 250.00 | 400.00 | 420.00 | 170.00 | 20.00 |
| | | **409,100.00** | **464,839.00** | **486,568.00** | **77,468.00** | **21,729.00** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | 492,500.00 | 255,659.00 | 335,000.00 | (157,500.00) | 79,341.00 |
| 7200 | Improvements | 5,000.00 | 30,229.00 | | (5,000.00) | (30,229.00) |
| 7300 | Equipment | 4,000.00 | 1,545.00 | | (4,000.00) | (1,545.00) |
| 7500 | Special programmes | 716,316.00 | 76532.00 | 130,000.00 | (586,316.00) | 53,468.00 |
| | | **1,217,816.00** | **363,965.00** | **465,000.00** | **(752,816.00)** | **101,035.00** |
| | **TOTAL** | **1,730,466.00** | **931,764.00** | **1,049,915.00** | **(680,551.00)** | **118,151.00** |